**Minuti tat-383 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**l-Erbgħa, 20 ta' April, 2011**

Il-laqgħa bdiet fis-6.25 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Keith Pisani, is-Sur Robert Buhagiar, is-Sinjura Anna Calleja u s-Sur Kevin Plumpton.

Is-Sinjuri Mark Grech u Joseph Bonnici kienu skużati.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta mill-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-382 laqgħa.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Ma kienx hemm mistoqsijiet u affarijiet mill-minuti.

Item 4 – Minuti tas-Sotto-Kumitati

Inqraw il-minuti tas-Sotto Kumitat għall-Anzjani. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sinjura Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Buhagiar.

Inqraw il-minuti tas-Sotto Kumitat għall-Familja. Is-Sinjura Calleja qalet li kienet ġiet avviċinata minn xi ġenituri sabiex il-Kunsill jipprovdi s-sala biex isiru *Baby Sensory u Development Classes.* Din hi sistema edukattiva innovattiva kif teduka u tgħin lit-trabi fl-izvilupp tagħhom. Is-Sindku qal li bħalissa s-sala qed tintuza għall-korsijiet ta' tagħlim tul il-ħajja għall-adulti izda jekk issir applikazzjoni formali biex isir uzu minn din is-sala għal dawn il-klassijiet ukoll, il-Kunsill jikkunsidra t-talba li tkun saret.

Il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill ta' Eschborn dwar il-festivitajiet ta' Eschenfest u l-esebizzjoni li se tittella' mis-Sur Emmanuel Fenech f'Eschborn bejn l-20 u 22 ta' Mejju 2011. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsillier Robert Buhagiar flimkien mas-Sur Emmanuel Fenech jkunu l-persuni li jitilgħu għal din l-esebizzjoni.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Patrick Scicluna li talab lill-Kunsill sabiex isiru *parking bays* fi Triq Monsinjur Sidor Formosa. Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill iġib l-approvazzjoni ta' *Transport Malta.*

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-Kumpanija *Electro Waste Malta Ltd* dwar ġbir ta' skart riċiklat. Din il-kumpanija talbet biex tiltaqa' mal-Kunsill sabiex jiġi diskuss pjan dwar il-ġbir ta' skart riċiklat. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jiltaqa' ma' din il-kumpanija.

Inqara invit mibgħut mill-Iskola Sekondarja tas-Subien tal-Kulleġġ Santa Margerita fejn stiednu lis-Sindku u l-Kunsilliera għal Jum ta' Ċelebrazzjoni tal-istudenti li ser issir nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Mejju, 2011. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Buhagiar jattendi għal din il-funzjoni u tiġi ppreżentata kopja tal-ktieb *Żabbar – A Living History* għal Jum il-Premjazzjoni.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Awtorita` tad-Djar dwar skemi ta' enerġija, fejn rappreżentanti tal-Awtorita` qed iduru l-Kunsilli Lokali biex jiġi diskussi dawn l-iskemi.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mil-kumpanija *Malta Library and Information Association* fejn tiġbor fi ħdanha membri fuq bazi ta' applikazzjoni u ħlas annwali ta' €12 għal taħriġ għal-librara permezz ta korsijiet qosra. Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li titħallas is-somma ta' €12 għat-taħriġ tal-persuna responsabli s-Sinjura Mary Grace Vassallo.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mingħand il-kumpanija *GreenPak* dwar it-tiġdid tal-kuntratt għall-ġbir ta' skart riċiklat. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buhagiar, il-Kunsill qabel unanimament li jiġġedded il-kuntrat għall-ġbir ta' skart riċiklat mal-kumpanija *Greenpak.*

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kulleġġ Stella Maris dwar maratona madwar Malta li se ssir nhar l-Erbgħa, 27 ta' April, 2011 biex jinġabru fondi biex jgħinu fil-proġett missjurnarju ta' Lasallian fi Sri Lanka. Is-Sindku qal li t-talba li qed jagħmel il-Kulleġġ ma tistax tiġi milqugħa minħabba t-tibdil li sar bl-emendi tal-Att dwar Kunsilli Lokali mhux possibli li jingħataw donazzjonijiet.

Inqrat korrispondenza mibgħuta miċ-Ċentru taż-Żgħażagħ f'Eschborn fejn il-Kunsill ġie nfurmat li mhux se jkun possibli li jiġi organizzat il-Kamp Internazzjonali taż-Żgħażagħ 2011.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kulleġġ Santa Margerita Skola Primarja Ħaż-Żabbar fejn is-Sindku u l-Kunsilliera ġew mistiedna għal Jum il-Premjazzjoni li ser isir nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Mejju 2011. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet ssekondata mis-Sur Buttigieg il-Kunsill qabel unanimament li tingħata kopja tal-ktieb *Żabbar - A Living History* għal Jum il-Premjazzjoni.

<u>Item 6 – Xogħol tal-Kunsill</u>

- <u>Approvazzjoni ta' Finanzi</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Marzu 2011 li kien jammonta għal €143.54. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn is-24 ta' Marzu, 2011 u t-20 ta' April 2011 li kien jammonta għal €35,874.17. Din ġiet approvata unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Pisani.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju ta' kull kwart għall-perjodu Jannar 2011 – Marzu 2011 kif ukoll il-*Financial Indicator* għall-istess perjodu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet ssekondata mis-Sur Plumpton, il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport finanzjarju.

Inqrat korrispondenza li ntbagħtet lill-kuntrattur PSV dwar id-dewmien biex jitkompla x-xogħol ta' titjib fiċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sur Buhagiar ippropona li l-Kunsill jikteb lill-kuntrattur u jagħtih ġimgħa ċans biex ikompli x-xogħol u jekk ma jitkomplix jiġu applikati l-penali. Il-kuntrattur għandu wkoll jiġi mitlub jippreżenta reviżjoni tal-pjan tax-xogħlijiet sabiex jitwettaq ix-xogħol mingħajr aktar dewmien. Is-Sur Buttigieg ssekonda l-proposta tas-Sur Buhagiar u l-Kunsill qabel unanimament li tintbgħat ittra lill-kuntrattur.

Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*quotations* li ngħataw mingħand il-kumpanija *Island Insurane Brokers Limited* għall-polza ta' assigurazzjoni tal-Kunsill. Ingħataw tlett offerti mingħand *Laferla Insurance Agency* għall-prezz ta' €1,568.67, mingħand *SMS Insurance Agency Ltd* għall-prezz ta'€4,183.08 u mingħand *Citadel Insurance* għall-prezz ta' €1,578.16. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta l-offerta li ngħatat mill-kumpanija *Island Insurance Brokers Limited* taħt il-polza ta' assigurazzjoni tal-kumpanija *Laferla Insurance Agency*.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-kuntratt għas-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas u roundabouts* ser jiskadi u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel b'sitt voti favur u astensjoni waħda li jġedded dan il-kuntratt għal sena addizzjonali bl-istess rati u kundizzjonijiet.

Fis-7.45 ta' filgħaxija il-Viċi-Sindku talab li jkun skużat.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-kuntratt għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani f'Ħaż-Żabbar ser jiskadi u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġeddidx jew le dan il-kuntratt. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qed jirċievi numru ta' ilmenti dwar in-nuqqas ta' tindif fil-lokalita' u għalhekk jippropona li dan il-kuntratt ma jiġix imġedded għal sena addizzjonali u tinħareġ sejħa ġdida għal offerti. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg u l-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani f'Ħaż-Żabbar.

Fit-8.00 ta' filgħaxija is-Sur Buhagiar talab li jkun skużat.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienet ġiet sottomessa offerta waħda għal xogħol ta' *resurfacing* taħt l-iskema tal-*Public Private Partnership* ZLC 1/2011. L-offerta mitfugħa kienet mingħand il-Kumpanija *Vella Group Limited* għall-prezz ta' €179,449.29.

Is-Sindku qara r-rapport li tħejja mill-*Contract Manager* tal-Kunsill dwar din l-offerta. Il-kumpanija *Vella Group Ltd* naqset milli tippreżenta *Bid Bond* bankarja u ġiet ippreżentata ittra mill-kumpanija li tgħid li minħabba li d-Direttur tal-kumpanija kien imsiefer, ma setgħetx issir *Bid Bond* mingħajr il-firma tad-Direttur. Is-Sindku qal li kien kiteb lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u kien qed jistenna risposta jekk il-Kunsill jistax jaċċetta din l-offerta peress illi kien hemm offerent wieħed. Fuq proposta ts-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jimxi mar-risposta li d-Dipartiment ser jagħti lill-Kunsill.

Is-Sindku qal li kienet saret spezzjoni tal-binjiet kollha li hemm fil-Qasam tad-Djar u l-Kunsill kien irċieva aktar dettalji mill-Awtorita` tad-Djar dwar l-iskema 'Programm ta' manutenzjoni fil-komun tal-binjiet tal-Gvern 2011 – 2016'. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jidħol f'din l-iskema u jiġi ffirmat il-ftehim mal-Awtorita` tad-Djar. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jidħol f'din l-iskema.

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mil-Bord tal-Intervisti għar-reklutaġġ ta' Assistent Amministrattiv Prinċipali. Fuq proposta tas-Sur Plumpton li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tal-Bord li s-Sur John Buttigieg jiġi mpjegat mal-Kunsill bħala Assistent Amministrattiv Prinċipali (Skala 11) għal perjodu definit ta' tlett snin. Wara t-tlett snin il-Kunsill jiddeċiedi jekk iġġeddidx l-impjieg ta' l-impjegat għal perjodu indefinit.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Pisani talab li l-Kunsill jikteb lid-Dipartiment tal-Artijiet u l-Awtorita’ tal-Ippjanar dwar Misraħ San Nikola li hija identifikata bħala *Public Urban Open Space.* Il-Kunsill għandu jinsisti li ma jibqax jiġi depożitat ħmieġ fih.

Is-Sur Pisani ppropona li tinħareġ is-sejħa tal-offerti biex jiġu organizzati korsijiet tal-kompjuters fis-sajf. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Pisani u l-Kunsill qabel unanimament li toħroġ din is-sejħa.

Is-Sur Pisani semma l-bżonn li jsir *patching* fi Triq il-Marloċċ quddiem ir-residenza Viva Reġina.

Is-Sur Plumpton informa lill-Kunsill dwar l-esitu tal-laqgħa li kellu mar-rappreżentanta tal-MUESEC dwar il-proġett *European Agriculture for Rural Development.* Is-Sur Plumpton qal li dan il-proġett hu wieħed riskjuz u l-Kunsill ikollu jidħol għal spejjez sostanzjali biex jipparteċipa.

Is-Sur Pisani nforma lill-Kunsill dwar il-laqgħa li saret mas-Sinjura Karina Fiorini flimkien mas-Sur Bonnici u s-Sur Plumpton dwar il-proġett *Youth in Action* u *Europe for Citizens.*

Is-Sur Pisani talab li tiġi ppreżentata stima dettaljata tal-infiq li ser isir fl-attivita` Lejla fil-Belt Hompesch.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-bżonn li jsir *refresh* taz-*zebra crossings* fi Triq is-Santwarju u fi Triq il-Kunvent.

Is-Sinjura Calleja ressqet l-ilmenti tar-residenti dwar nuqqas ta’ ndafa f’ċerti toroq ta’ Ħaż-Żabbar.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-ħtieġa li jsir *patching* fi Triq l-Iskola u fi Triq Lia.

Is-Sur Buttigieg nforma lill-Kunsill dwar il-konferenza Festa Ġemellaġġi li kien attenda għaliha flimkien mal-Viċi Sindku u s-Sur Bonnici. Is-Sur Buttigieg qal li waqt din il-konferenza ngħatat informazzjoni dwar fondi tal-Unjoni Ewropeja li l-Kunsill jista’ jibbenefika minnhom.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li jsir *refresh* tal-*hatching lines* li hemm fi Triq tal-Labour viċin it-*traffic lights.*

Is-Sur Buttigieg talab sabiex isiru *parking bays* ħdejn il-*ground* ta’ St Patrick’s fi Triq Bormla.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li jsir *patching* f’San Anard.

Is-Sur Buttigieg semma l-ħtieġa li jiġu rranġati l-fanali tad-dawl li hemm f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

Il-laqgħa spiċċat fit-9.15 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-384 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 18 ta' Mejju, 2011.

Domenic Agius
Sindku